**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa**
**8 LEĠIŻLATURA**
**Laqgħa Numru 60**

**It-Tlieta, 7 ta' Mejju, 2024**

Il-Kunsill Lokali Ħal Luqa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: 174, Ċentru Ċiviku, Triq il-Ġdida, Ħal Luqa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur John Schembri | Sindku |
| Is-Sa Lucia Massa | Kunsillier |
| Is-Sa Maria Magri | Kunsillier |
| Is-Sur Fredrick Aquilina | Kunsillier |
| Is-Sur Eric Charles Camilleri | Kunsillier (daħal għal-laqgħa 18.08 pm) |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Kearon Bruno | Viċi Sindku |
| Is-Sur Andrew Cassar | Kunsillier |

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Astrid Pell | Segretarju Eżekuttiv |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Ħadd

## 60.01 Qari tal-ittri t'apoloġija

**60.01.01** Il-Kunsillier Andrew Cassar talab li jkun skużat minn din is-seduta minħabba raġunijiet personali. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera preżenti.

**60.01.02** Is-Sur Kearon Bruno talab li jkun skużat minn din is-seduta minħabba raġunijiet ta' saħħa. Dawn it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

## 60.02 Approvazzjoni tal-minuti (Seduta 59)

**60.02.01** Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni fuq il-minuti ta' Seduta 59.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Frederick Aquilina, u sekondata mill-Kunsillier Lucia Massa, dawn il-minuti ġew approvati unanimament.

## 60.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet

**60.03.01** Kien hemm żewġ kwotazzjonijiet waħda dwar l-uniformi għall-ħaddiema tal-Kunsill Lokali u l-kwotazzjoni l-oħra sabiex isiru xogħlijiet biex jingħalqu l-uffiċini tal-ħaddiema u tas-Segretarju Eżekuttiv. Dawn iż-żewġ kwotazzjonijiet kienu approvati bi qbil unanimu. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell spjegat li l-ħtieġa li kemm l-uniformijiet kif ukoll iż-żamma tal-uffiċini tal-Kunsill Lokali kollha jattribwixxu għal dehra aktar professjonali tal-Kunsill Lokali.

## 60.04 Skeda ta' pagamenti u petty cash

*Skeda ta' Pagamenti:*

**60.04.01** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar l-iskeda tal-pagamenti.

*Petty Cash:*

**60.04.02** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar il-petty cash.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Lucia Massa, u sekondat mill-Kunsillier Fredrick Aquilina u Maria Magri, il-kunsilliera preżenti kollha approvaw l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

## 60.05 Komunikazzjoni mis-Sindku

**60.05.01** Is-Sindku John Schembri informa lill-Kunsilliera preżenti li l-quddiesa għal Jum Hal Luqa, din is-sena se ssir nhar l-Erbgħa 15 ta' Mejju 2024.

**60.05.02** Is-Sindku ta aġġornament fuq Jum il-Lokal u dwar il-loġistika ta' kif se jingħataw ir-Rikonoxximenti u Ġieh il-Lokal.

## 60.06 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

**60.06.01** Ma kien hemm l-ebda mozzjoni jew rakkomandazzjoni

## 60.07 Korrispondenza

**60.07.01** Ma kien hemm l-ebda korrispondenza

## 60.08 Punti mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv

**60.08.01** Ma kien hemm l-ebda punti.

## 60.09 Nomina għal Deputat Segretarju Eżekuttiv

**60.09.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid tkellmet sabiex il-Kunsill Lokali jaħtar Deputat Segretarju Eżekuttiv f'każ li s-Segretarju Eżekuttiv ikun assenti jew ikun hemm il-post vakanti. Is-Sindku ppropona lis-Sur Jordy Brincat, persuna li għandu esperjenza twila fil-Kunsilli Lokali u li bħalissa jokkupa l-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv f'Birżebbuġa. Il-Kunsilliera preżenti qablu li s-Sur Jordy Brincat ikun maħtur Deputat Segretarju Eżekuttiv.

## 60.10 Proġetti u Skemi

**60.10.01** Is-Sindku ta aġġornament dwar it-tenders li hemm miftuħin u qal li t-tender tal-cameras qiegħed ikun iffinalizzat.

## 60.11 Affarijiet oħra

**60.11.01** Ma kien hemm xejn x'jiġi diskuss.

## 60.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**59.14.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fis-18.30 pm wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 7 ta' Mejju 2024 fil-17:30.

**Ikkonfermati llum l-Erbgħa 19 ta' Ġunju 2024.**

| | |
|---|---|
| **John Schembri** | **Astrid Pell** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |